31999R2691

18.12.1999 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 326/39

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2691/1999

tas-17 ta' Diċembru 1999

dwar ir-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/98 fuq il-prospetti ta' l-istatistika għat-trasport ta' merkanzija bit-triq

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/98 tal-25 ta' Mejju 1998 dwar il-prospetti ta' l-istatistika għat-trasport ta' l-oġġetti fit-toroq ([1]), u b'mod partikolati l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1172/98, il-Kummissjoni għandha tistabilixxi l-arranġamenti għat-trasmissjoni tad-data lill-Istati Membri.

(2) Huwa meħtieġli jiġu speċifikati l-kodiċi tal-pajjiżi għat-trasport internazzjonali matul il-perjodu transitorju previst fl-Artikolu 5 ta' l-imsemmi Regolament.

(3) L-użu taż-żewġ sistemi diversi ta' kodiċi tal-pajjiżi speċifikati fl-Annessi A u G tar-Regolament (KE) Nru 1172/98 ma huwiex kompatibbli mat-trasmissjoni effiċjenti tad-data mill-Istati Membri.

(4) Hija ħaġa xierqa li titwaqqaf lista ġdida tal-kodiċi tal-pajjiżi li ssegwi s-sistema li tintuża għall-kodiċi tar-reġjuni NUTS.

(5) Il-kontenut ta' l-Annessi A u G tar-Regolament (KE) Nru 1172/98 jeħtieġ li jiġi adattat skond il-bżonn.

(6) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni li ngħatat mill-Kumitat għall-Programm ta' l-Istatistika, stabbilit skond id-deċiżjoni 89/382/KEE, Euratom ([2]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1172/98 għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Fl-Anness A, fil-parti A2, it-test tat-taqsima 7 għandu jinbidel b'dan li ġej:

   "7. Il-pajjiżi (mhux aktar minn 5), li minn ġo fihom iseħħ it-transitu, ikkodifikati skond l-Anness G."

2. L-Anness G għandu jinbidel mill-Anness ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-17 ta' Diċembru 1999.

Għall-Kummissjoni
Pedro SOLBES MIRA
Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 163, tas-6.6.1998, p. 1.

([2]) ĠU L 181, tat-28.6.1989, p. 47.

L-ANNESS

"L-ANNESS G

IL-KODIFIKA TAL-PAJJIŻI U R-REĠJUNI

1. Minbarra kif hemm provdut fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1172/98 rigward il-kodifika ssimplifikata ta' ċerti varjabbli matul il-perjodu transizzjonali, il-postijiet fejn issir it-tagħbija u l-ħatt għandhom jiġu kkodifikati kif ġej:

   (a) analiżi reġjonali fi gruppi sal-Livell 3 tan-Nomenklatura ta' l-Entitajiet Territorjali għall-Istatistika (NUTS), għall-Istati Membri tal-Komunità Ewropea;

   (b) listi ta' reġjuni amministrattivi mogħtijin mill-pajjiż terz ikkonċernat, rigward Stati li ma humiex membri fil-Komunità Ewropea iżda li huma partijiet kontraenti għall-Ftehim dwar Iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), jiġifieri l-Islanda, Liechtenstein u n-Norveġja;

   (ċ) għal pajjiżi terzi oħra, suppost li jintużaw il-kodiċi 2-alpha ISO-3166. L-aktar kodiċi li jintużaw ta' spiss qed jidhru fit-tabella ta' hawn taħt.

2. Għall-kodifika simplifikata tat-trasport internazzjonali matul il-perjodu ta' transizzjoni msemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1172/98, kif ukoll għall-kodifika ta' pajjiżi li jaqsmu minn ġo fihom waqt it-transitu (taqsima 7 ta' Anness A, parti A2), dawn il-kodiċi tal-pajjiżi għandhom jintużaw:

   (a) il-parti 2-alpha tal-kodiċi NUTS, kif jidhru fit-tabella ta' hawn isfel, għall-Istati Membri tal-Komunità Ewropea;

   (b) għall-pajjiżi l-oħrajn kollha, il-kodiċi 2-alpha ISO-3166 għandhom jintużaw. L-aktar kodiċi li jintużaw ta' spiss jidhru fit-tabella ta' hawn taħt.

It-tabella tal-kodiċi tal-pajjiżi

(a) *L-Istati Membri ta' l-EU (li jikkorrispondu mal-kodiċi tal-pajjiżi NUTS 2-alpha)*

Nota: pajjiżi b'ordni uffiċjali tal-KE

Il-Pajjiż	Kodiċi
Il-Belġju	BE
Id-Danimarka	DK
Il-Ġermanja	DE
Il-Greċja	GR
Spanja	ES
Franza	FR
L-Irlanda	IE
L-Italja	IT
Il-Lussemburgu	LU
L-Olanda	NL
L-Awstrija	AT
Il-Portugall	PT
Il-Finlandja	FI
L-Isvezja	SE
Ir-Renju Unit	UK

(b) *Pajjiżi oħra (kodiċi ISO-3166 2-alpha)*

Nota:pajjiżi b'ordni tal-kodiċi

Il-Pajjiż	Kodiċi
L-Albanija	AL
Il-Bosnja-Herzegovina	BA
Il-Bulgarija	BG
Il-Belarus	BY
L-Isvizzera	CH
Ċipru	CY
Ir-Repubblika Ċeka	CZ
L-Estonja	EE
Il-Kroazja	HR
L-Ungerija	HU
L-Islanda	IS
Liechtenstein	LI
Il-Litwanja	LT
Il-Latvja	LV
Il-Moldova	MD
Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	MK
Malta	MT
In-Norveġja	NO
Il-Polonja	PL
Ir-Rumanija	RO
Il-Federazzjoni Russa	RU
Is-Slovenja	SI
Slovakkja	SK
It-Turkija	TR
L-Ukraina	UA
Il-Jugoslavja	YU

F'dawk il-pajjiżi li ma jidhrux f'din il-lista, il-kodici ISO-3166 2-alpha għandhom jintużaw."